MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**MANDUCA PHILIP**

Seduta ta' 26 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 305/2002/1

**Is-socjeta' M & M Limited**

**Vs**
**Philip u Marthese konjugi Degiorgio**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm 480.00c (erbgha mija u tmenin lira Maltin) rappresentanti l-prezz ta' edukazzjoni jew ta' taghlim jew servizzji ancillari moghtija lilhom mis-socjeta' attrici fir-rispett ta' binthom Lara Degiorgio.

Illi l-konvenuti offrew pagament lis-socjeta' attrici b' cekk li ma giex onorat mill-bank;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu din is-somma ta' Lm480.00 (erbgha mija u tmenin lira Maltin) il-konvenuti baqghu inadmejenti minghajr raguni valida fil-ligi.

Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu  ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Ra n-nota ta' cessjoni tas-sorte.
Sema' lill-Dr. Carol Zammit Montebello tikkonferma bill-gurament li l-hlas sar fil-mori tal-kawza;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici ghall-ispejjes.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**